KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fl-1 ta' Lulju 2021 [1]

Kawża C-324/20

Finanzamt B
vs
X-Beteiligungsgesellschaft mbH

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Qorti Federali tal-Finanzi, il-Ġermanja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud – Provvista ta' servizzi – Provvista ta' darba – Ħlas mifrux fuq medda ta' żmien – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 63 – Eżiġibbiltà tat-taxxa – Artikolu 64(1) – Kunċett ta' tranżazzjonijiet li jwasslu għal ħlasijiet suċċessivi – Artikolu 90(1) – Tnaqqis tal-valur taxxabbli – Kunċett ta' nuqqas ta' ħlas"

Introduzzjoni

1. Skont il-prinċipju ta' libertà ekonomika u ta' libertà kuntrattwali, l-operaturi tas-suq jiddeterminaw liberament ir-relazzjonijiet kuntrattwali tagħhom, kemm fir-rigward tas-servizzi mwettqa kif ukoll fir-rigward tal-korrispettiv għalihom. Madankollu, huma għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-kundizzjonijiet li fihom jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom, mhux biss dawk ta' natura ekonomika iżda wkoll ġuridika, inklużi dawk fiskali. Il-problemi li jistgħu jirriżultaw min-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet huma murija f'din il-kawża.

2. B'mod iktar preċiż, il-kwistjoni hija dwar jekk u sa fejn il-fatt li l-korrispettiv ta' tranżazzjoni suġġetta għat-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT") jitqassam f'pagamenti jaffettwa l-mument tat-tnissil tal-obbligu tal-persuna taxxabbli għall-ħlas ta' din it-taxxa.

[1] Lingwa oriġinali: il-Pollakk.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3. L-Artikolu 63 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud [2], jipprovdi:

"Għandu jkun hemm avveniment li jagħti lok għal ħlas [fatt taxxabbli] u l-VAT għandha tiġi imposta meta l-merkanzija jew is-servizzi huma pprovduti."

4. Madankollu, skont l-Artikolu 64(1) ta' din id-direttiva:

"Fejn din twassal għal dikjarazzjonijiet suċċessivi ta' kont jew ħlasijiet suċċessivi […], il-provvista ta' servizzi għandhom jitqiesu bħala mwettqa meta jiskadu l-perijodi li għalihom jirreferu dawn il-ħlasijiet akkont jew ħlasijiet."

5. Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 66(b) tal-imsemmija direttiva jipprevedi li:

"[B]ħala deroga mill–Artikoli 63, 64 u 65, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-VAT għandha tiġi imposta, fir-rigward ta' ċerti transazzjonijiet jew ċerti kategoriji ta' persuni taxxabbli f'wieħed miż-żminijiet li ġejjin:

[…]

(b) mhux iktar tard miż-żmien meta jiġi riċevut il-ħlas;

[…]".

6. Filwaqt li skont l-Artikolu 73 ta' din id-direttiva:

"Fir-rigward tal-provvista ta' merkanzija jew servizzi, minbarra kif imsemmi fl-Artikoli 74 sa 77, l-ammont taxxabbli għandu jinkludi dak kollu li jikkostitwixxi ħlas miksub jew li għandu jinkiseb mill-fornitur, għall-provvista, mill-konsumatur jew parti terza, inklużi s-sussidji marbuta direttament mal-prezz tal-provvista".

7. Fl-aħħar nett, skont l-Artikolu 90(1) tad-Direttiva 2006/112:

"Fil-każ ta' kanċellazzjoni, ċaħda jew nuqqas ta' pagament totali jew parzjali, jew fejn il-prezz hu mnaqqas wara li l-provvista tkun saret, l-ammont taxxabbli għandu jiġi ridott għaldaqstant skond kondizzjonijet li jiġu stabbiliti mill-Istati Membri".

Id-dritt Ġermaniż

8. Id-Direttiva 2006/112 ġiet trasposta fid-dritt Ġermaniż permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Umsatzsteuergesetz [3] (il-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul mill-Bejgħ, iktar 'il quddiem l-"UStG").

[2] ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

[3] Test ikkonsolidat: BGBl. 2005 I, p. 386.

9. Il-punt 1 tal-Artikolu 13(1) ta' din il-liġi jipprovdi:

"It-taxxa ssir dovuta

1. għal kunsinni u għal provvisti oħra:

a) fil-każ li t-taxxa tiġi kkalkolata fuq il-bażi tal-korrispettivi miftiehma (l-ewwel sentenza tal-Artikolu 16(1)), mal-iskadenza tal-perijodu tal-kontabbiltà li matulu jkunu twettqu l-provvisti. Dan japplika wkoll għall-provvisti parzjali. Ikun hemm tali provvista parzjali meta l-korrispettiv għal ċerti partijiet ta' provvista li tista' tiġi sseparata ekonomikament ikun miftiehem b'mod separat. Jekk il-korrispettiv, jew parti minnu, jiġi rċevut qabel titwettaq il-provvista jew il-provvista parzjali, it-taxxa marbuta miegħu ssir eżiġibbli mal-iskadenza tal-perijodu tal-kontabbiltà li matulu jiġi rċevut il-korrispettiv jew il-korrispettiv parzjali,

b) fil-każ li t-taxxa tiġi kkalkolata fuq il-bażi tal-korrispettiv irċevut (Artikolu 20), mal-iskadenza tal-perijodu tal-kontabbiltà li matulu jkun ġie rċevut dan il-korrispettiv,

[…]".

10. Issa, skont l-Artikolu 17 tal-UStG:

"1. Fil-każ ta' modifika tal-valur taxxabbli ta' tranżazzjoni taxxabbli msemmija fl-Artikolu 1(1)(1), l-imprenditur li jkun wettaq din it-tranżazzjoni għandu konsegwentement jirrettifika l-ammont tat-taxxa dovuta għal din it-tranżazzjoni. […]

2. Il-paragrafu 1 japplika, *mutatis mutandis*, meta:

1) il-korrispettiv miftiehem għal provvista taxxabbli, servizz jew għal akkwist intra-Komunitarju taxxabbli ma jkunx jista' jinġabar. Jekk il-korrispettiv jiġi rċevut iktar tard, l-ammont tat-taxxa u l-ammont tat-tnaqqis għandhom jiġu rrettifikati mill-ġdid.

[…]".

11. Fl-aħħar nett, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 20 tal-UStG, fil-verżjoni applikabbli għas-sena fiskali inkwistjoni, kienet tipprovdi:

"L-amministrazzjoni tat-taxxa tista', fuq talba, tawtorizza lil imprenditur:

1) li d-dħul mill-bejgħ globali tiegħu (Artikolu 19(3)) ma qabiżx l-EUR 500 000 matul is-sena ċivili preċedenti, jew

2) li […] huwa eżentat mill-obbligu li jżomm kotba tal-kontabbiltà u li jfassal regolarment rapporti fuq il-bażi ta' inventarji annwali, jew

3) li jwettaq tranżazzjonijiet fil-kuntest ta' attività eżerċitata fil-kuntest ta' professjoni liberali […],

jikkalkola t-taxxa fuq il-bażi tal-korrispettivi rċevuti u mhux fuq il-bażi tal-korrispettivi miftiehma (l-ewwel sentenza tal-Artikolu 16(1)."

Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari

12. X-Beteiligungsgesellschaft mbH, kumpannija rregolata mid-dritt Ġermaniż (iktar 'il quddiem "X"), hija rreġistrata bħala suġġetta għall-VAT fil-Ġermanja.

13. Matul is-sena fiskali 2012, X ipprovdiet lil T-GmbH (iktar 'il quddiem "T") servizzi ta' intermedjarju għall-bejgħ ta' proprjetà immobbli minn din tal-aħħar. Kif jirriżulta mill-kuntratt ta' onorarji konklużż bejn l-imsemmija kumpanniji fis-7 ta' Novembru 2012, fil-mument tal-konklużjoni ta' dan il-kuntratt, X kienet diġà pprovdiet is-servizzi kollha li kienet marbuta tipprovdi.

14. Minn dan il-kuntratt jirriżulta wkoll li l-onorarji marbuta mal-imsemmija servizzi ta' intermedjarju kienu ffissati għal ammont ta' EUR 1 000 000 miżjuda bil-VAT, dovuti f'ħames pagamenti ta' EUR 200 000 miżjuda bil-VAT. Dawn il-pagamenti kellhom jitħallsu kull sena mit-30 ta' Ġunju 2013. Fl-iskadenza tat-terminu għall-ħlas ta' kull pagament, X kienet toħroġ fattura u tħallas il-VAT dovuta.

15. Permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Diċembru 2016, l-amministrazzjoni tat-taxxa kompetenti qieset li s-servizzi pprovduti minn X lil T kienet seħħet kompletament matul is-sena 2012 u li dak kien il-mument meta X kellha tħallas il-VAT kollha fuq it-tranżazzjoni inkwistjoni.

16. Din il-kumpannija ppreżentat rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Finanzgericht (il-Qorti tal-Finanzi, il-Ġermanja) kompetenti. Din il-qorti eżaminat dan ir-rikors u ddeċidiet li huwa minnu li l-provvista ta' servizzi seħħet matul is-sena 2012, iżda l-ammont tal-korrispettiv għal din it-tranżazzjoni, bl-eċċezzjoni tal-ewwel pagament imħallas fit-30 ta' Ġunju 2013, kellu jitqies li ma tħallasx fis-sens tal-Artikolu 17 UStG u l-Artikolu 90(1) tad-Direttiva 2006/112. Skont din il-qorti, l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet tippermetti li jiġi evitat li X tkun obbligata tħallas il-VAT kollha qabel ma tikseb il-korrispettiv kollu għas-servizzi pprovduti.

17. L-amministrazzjoni tat-taxxa appellat minn din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesfinanzhof (il-Qorti Federali tal-Finanzi, il-Ġermanja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Huwa suffiċjenti li jkun hemm ftehim dwar ħlas bin-nifs sabiex jitqies li servizz ipprovdut f'okkażjoni waħda, u li ma huwiex għaldaqstant marbut ma' perijodu speċifiku, jagħti lok għal dikjarazzjonijiet suċċessivi ta' kont jew għal ħlasijiet suċċessivi, fis-sens tal-Artikolu 64(1) tad-Direttiva [dwar il-VAT]?

2) Sussidjarjament, fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda: għandu jitqies li hemm nuqqas ta' pagament fis-sens tal-Artikolu 90(1) tad-Direttiva [dwar il-VAT], jekk, mal-provvista tas-servizz tagħha, il-persuna taxxabbli taqbel li din ser tkun irremunerata permezz ta' ħames ħlasijiet annwali u li, fil-każ ta' pagament sussegwenti, id-dritt nazzjonali jipprevedi rettifika li għandha bħala effett li tannulla t-tnaqqis preċedenti tal-valur taxxabbli taħt din id-dispożizzjoni?"

18. It-talba għal deċiżjoni preliminari waslet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' Lulju 2020. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn X, mill-Gvern Ġermaniż u mill-Kummissjoni Ewropea. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma tlaqqax seduta.

Analiżi

Osservazzjonijiet preliminari

Fuq il-konstatazzjonijiet fattwali

19. Permezz tat-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari f'din il-kawża, il-qorti tar-rinviju tibbaża ruħha fuq il-konstatazzjonijiet fattwali magħmula mill-qorti tal-ewwel istanza, li skonthom is-servizz previst fil-kuntest tat-tranżazzjoni kontenzjuża kien ta' darba waħda u twettaq kollu kemm hu minn X matul is-sena 2012, b'tali mod li l-korrispettiv ta' EUR 1 000 000, miżjud bil-VAT, kien jirrigwarda servizzi mwettqa kompletament matul is-sena 2012.

20. Madankollu X tikkontesta din il-konstatazzjoni. Fil-fehma tagħha, il-kuntratt ma' T kien jinkludi servizzi addizzjonali, b'mod partikolari fil-qasam tal-konsulenza, li kellhom jitwettqu matul is-snin sussegwenti, inkambju għall-pagamenti sussegwenti tal-korrispettiv miftiehem. B'hekk, skont din il-kumpannija, il-korrispettiv għas-servizzi li hija pprovdiet matul is-sena 2012 kien biss l-ammont irċevut fit-30 ta' Ġunju 2013. B'mod partikolari, X tinvoka l-kuntratt ta' interpretazzjoni addizzjonali tagħha ma' T tal-15 ta' Marzu 2016 u d-deċiżjoni tal-Finanzgericht dwar l-organizzazzjoni tal-proċedura tat-23 ta' Settembru 2020 li din il-kumpannija annettiet mal-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha. Skont X, id-domandi preliminari f'din il-kawża huma għalhekk ta' natura ipotetika.

21. Madankollu, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta bil-konstatazzjonijiet ta' fatt tal-qorti tar-rinviju[4]. Issa, f'dan il-każ, dawn il-konstatazzjonijiet ma jidhrux, *prima facie*, żbaljati. B'mod partikolari, id-deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020 ġiet adottata wara d-deċiżjoni tal-qorti tar-rinviju li jsir rinviju għal deċiżjoni preliminari f'din il-kawża. Din id-deċiżjoni ġiet adottata wkoll għal proċedura separata dwar it-taxxa fuq id-dħul ta' X għas-sena fiskali 2012. Issa, l-evalwazzjoni tal-fatti tista' tvarja f'dak li jikkonċerna d-determinazzjoni tad-dħul għall-finijiet tat-taxxa fuq id-dħul fuq il-persuni ġuridiċi u d-determinazzjoni tal-obbligu fiskali fil-qasam tal-VAT.

22. Konsegwentement, jiena tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi għad-domandi preliminari f'din il-kawża abbażi tal-konstatazzjonijiet fattwali magħmula mill-qorti tar-rinviju (jew dawk magħmula mill-qorti tal-ewwel istanza u adottati mill-qorti tar-rinviju).

Fuq id-domandi preliminari

23. F'din il-kawża, il-qorti tar-rinviju tagħmel żewġ domandi preliminari. L-ewwel waħda tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' tranżazzjonijiet li jwasslu għal ħlasijiet suċċessivi, fis-sens tal-Artikolu 64(1) tad-Direttiva 2006/112. Min-naħa l-oħra, it-tieni domanda tirrigwarda l-punt dwar jekk, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tistax tkun kwistjoni ta' "nuqqas ta' ħlas" fis-sens tal-Artikolu 90(1) ta' din id-direttiva. L-applikazzjoni ta' din l-aħħar dispożizzjoni ma hijiex suġġetta għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 64(1) tad-Direttiva 2006/112;

[4] Huwa minnu li reċentement kelli l-okkażjoni nqiegħed inkwistjoni l-eżattezza tal-konstatazzjonijiet tal-istess qorti tar-rinviju, bħal f'dan il-każ (il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża XY (Tnaqqis fakultattiv tat-taxxa), C-100/20, EU:C:2021:387). Madankollu, il-kwistjoni ma kinitx dwar il-fatti fihom infushom iżda dwar l-klassifikazzjoni tagħhom fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni.

in-nuqqas ta' ħlas jista' jseħħ ukoll fir-rigward tat-tranżazzjonijiet li jwasslu għal ħlas bin-nifs. Madankollu, risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda preliminari tirrendi mingħajr skop l-ewwel domanda. Għalhekk ser nibda b'din it-tieni domanda.

Fuq it-tieni domanda preliminari

24. Permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk l-Artikolu 90(1) tad-Direttiva 2006/112 għandux jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni li fiha persuna taxxabbli, fil-mument tal-provvista ta' servizzi ta' darba, tkun ftehmet li tħallas il-korrispettiv ta' din il-provvista ta' servizzi bin-nifs, in-nuqqas ta' ħlas, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, jista' jiġi kkonstatat fir-rigward tal-pagamenti sussegwenti, minbarra l-ewwel pagament, u konsegwentement jitnaqqas il-valur taxxabbli, bil-possibbiltà taż-żieda mill-ġdid tiegħu wara l-ħlas tal-pagamenti sussegwenti. Din id-domanda tidher li hija ddettata mill-fatt li tali soluzzjoni ġiet adottata fil-kawża prinċipali mill-qorti tal-ewwel istanza sabiex jiġi evitat li l-persuna taxxabbli jkollha tiffinanzja l-VAT dovuta qabel ma din tirċievi l-ħlas għas-servizz mogħti.

25. X tipproponi li tingħata risposta fl-affermattiv għal din id-domanda, filwaqt li l-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni jipproponu risposta fin-negattiv.

26. Jiena naqbel ma' din it-tieni pożizzjoni.

27. Il-VAT hija kkalkolata proporzjonalment mal-valur taxxabbli [5], li huwa ddefinit bħala "dak kollu li jikkostitwixxi ħlas miksub jew li għandu jinkiseb mill-fornitur, għall-provvista" [6]. L-ammont ta' dan il-valur taxxabbli huwa ddeterminat fil-mument tat-tnissil tad-dejn fiskali, jiġifieri, fir-rigward tal-provvista ta' servizzi, fil-mument tal-provvista tas-servizzi.

28. Min-naħa l-oħra, jekk wara t-tnissil tal-obbligu fiskali jkun hemm lok li jitnaqqas l-ammont li l-persuna taxxabbli għandha tirċievi bħala ħlas għas-servizz ipprovdut, il-valur taxxabbli jitnaqqas ukoll bl-ammont korrispondenti u, għaldaqstant, l-ammont tad-dejn tal-persuna taxxabbli fir-rigward tat-taxxa dovuta [7]. Dan jista' jkun kemm tnaqqis fis-sens strett kif ukoll "riduzzjoni għal żero", jiġifieri l-eliminazzjoni tal-valur taxxabbli u tal-piż fiskali relatat miegħu. Tali bidla tista' sseħħ kemm wara l-bidla jew wara t-terminazzjoni tar-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet fit-tranżazzjoni taxxabbli kif ukoll minħabba n-nuqqas tal-kokontraent tal-persuna taxxabbli li jwettaq l-obbligu tiegħu ta' ħlas tal-korrispettiv.

29. L-obbligu ta' tnaqqis fil-valur taxxabbli u tad-dejn fiskali relatat miegħu li jinsab fl-imsemmija dispożizzjoni huwa l-espressjoni tal-prinċipju li l-valur taxxabbli tal-VAT huwa kkostitwit mill-korrispettiv realment irċevut jew li għandu jingħabar mill-persuna taxxabbli fir-rigward ta' tranżazzjoni taxxabbli [8].

30. Dan l-għan tal-Artikolu 90(1) tad-Direttiva 2006/112 jimplika li din id-dispożizzjoni tapplika biss fil-każ fejn l-ammont li l-persuna taxxabbli hija obbligata li tirċievi bħala remunerazzjoni għas-servizz ipprovdut jitnaqqas. Min-naħa l-oħra, jekk dan l-ammont ma jonqosx, ma jkunx

5 Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2006/112.

6 Artikolu 73 tad-Direttiva 2006/112.

7 Artikolu 90(1) tad-Direttiva 2006/112.

8 Sentenza tat-12 ta' Ottubru 2017, Lombard Ingatlan Lízing (C-404/16, EU:C:2017:759, punt 26).

hemm raġuni biex jonqos il-valur taxxabbli, b'tali mod li l-imsemmija dispożizzjoni ma tapplikax. Dan huwa l-każ, pereżempju, meta l-partijiet fi tranżazzjoni taxxabbli jiftiehmu mhux dwar li jonqos il-korrispettiv iżda biss li jitqassam tiegħu f'pagamenti jew differiment tad-data tal-ħlas.

31. Ċertament, fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas mill-kokontraenti tal-persuna taxxabbli, it-tnaqqis fl-ammont li għandu jingħabar mill-persuna taxxabbli jista' jkun ta' natura mhux definittiva peress li, fl-assenza ta' bidla fir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, il-persuna taxxabbli tibqa' kreditur tar-remunerazzjoni mhux imħallsa u tista' tirkupraha fil-futur [9]. Għalhekk tibqa' inċertezza fir-rigward tan-natura definittiva tat-tnaqqis tal-valur taxxabbli. Din hija r-raġuni għalfejn l-Artikolu 90(2) tad-Direttiva 2006/112 tħalli għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas [10].

32. Xorta jibqa' l-fatt li, fil-każ ta' posponiment tal-ħlas tal-korrispettiv jew it-tqassim tagħha fi ħlasijiet suċċessivi, l-ammont li l-persuna taxxabbli *għandha tiġbor* f'dan ir-rigward, ċertament *ma huwiex* ser jonqos [11]. Għalhekk lanqas ma hemm raġuni sabiex jonqos il-valur taxxabbli.

33. Għalkemm jiena naqbel mal-affermazzjoni tal-Gvern Ġermaniż li kull tnaqqis fil-korrispettiv li għandha tirċievi persuna taxxabbli fir-rigward ta' tranżazzjoni taxxabbli jikkonċerna sitwazzjonijiet li jseħħu *sussegwentement* għall-eżekuzzjoni tas-servizz ikkonċernat minn din it-tranżazzjoni, nikkunsidra li dan l-aspett ma huwiex essenzjali għar-risposta li għandha tingħata għal din id-domanda preliminari. Fil-fatt, hawnhekk huwa essenzjali l-fatt li t-tqassim tal-ħlas tal-korrispettiv f'pagamenti ma jbiddilx l-ammont li l-persuna taxxabbli hija meqjusa li tirċievi għal dan il-korrispettiv u, għaldaqstant, il-valur taxxabbli ta' din it-tranżazzjoni.

34. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, l-Artikolu 90(1) tad-Direttiva 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni fejn persuna taxxabbli li tipprovdi servizz ta' darba tkun qablet ma' min jirċievi s-servizz li l-korrispettiv jinfirex fuq ħlasijiet suċċessivi, ma jkunx hemm nuqqas ta' ħlas fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

35. Barra minn hekk, kif josserva l-Gvern Ġermaniż, skont l-Artikolu 90(1) tad-Direttiva 2006/112 it-tnaqqis fil-valur taxxabbli skont din id-dispożizzjoni jirriżulta mill-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Istati Membri. Il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu jippermetti lill-Istati Membri ma japplikawhx għal sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' ħlas. Issa, skont il-punt 1 tal-Artikolu 17(2) UStG, fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas, it-tnaqqis fil-valur taxxabbli jseħħ biss meta l-korrispettiv isir irrekuperabbli. Dan ma huwiex il-każ fir-rigward tat-tqassim tal-korrispettiv f'pagamenti. Għalhekk, id-dritt Ġermaniż fih innifsu, li f'dan ir-rigward huwa konformi mad-Direttiva 2006/112, ma jippermettix l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu l-Artikolu 90 ta' din id-Direttiva fil-każ ta' tqassim f'pagamenti tal-ħlas tal-korrispettiv ta' tranżazzjoni taxxabbli.

[9] Sentenza tat-12 ta' Ottubru 2017, Lombard Ingatlan Lízing (C-404/16, EU:C:2017:759, punt 29).

[10] Sentenza tat-12 ta' Ottubru 2017, Lombard Ingatlan Lízing (C-404/16, EU:C:2017:759, punti 28 u 29).

[11] Kif ġustament isostni l-Gvern Ġermaniż, jista' jkun hemm nuqqas ta' ħlas tal-korrispettiv biss fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas ta' pagament tal-korrispettiv fil-mument tal-iskadenza tiegħu. Madankollu, dan ma jistax jiġi preżunt.

Fuq l-ewwel domanda preliminari

36. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 64(1) tad-Direttiva 2006/112 għandux jiġi interpretat fis-sens li japplika għal tranżazzjoni li tinvolvi provvista ta' servizzi ta' darba li għaliha l-persuna taxxabbli tirċievi l-ħlas tal-korrispettiv bin-nifs.

37. Din id-domanda hija bbażata fuq il-konstatazzjoni fattwali tal-qorti tar-rinviju li s-servizz inkwistjoni fil-kawża prinċipali kien ta' darba u ġie eżegwit fl-intier tiegħu matul is-sena fiskali 2012[12]. Huwa wkoll fuq din il-premessa li nibbaża l-analiżi segwenti tiegħi ta' din id-domanda.

Fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 64(1) tad-Direttiva 2006/112

38. Bħala tfakkira, skont l-Artikolu 64(1) tad-Direttiva 2006/112, fil-każ ta' tranżazzjonijiet li jinvolvu ħlasijiet suċċessivi, il-provvista ta' servizzi għandha titqies li twettqet fil-mument tal-iskadenza tal-perijodi li magħhom huma relatati dawn il-ħlasijiet. Ir-risposta għad-domanda preliminari teħtieġ għalhekk li jiġi interpretat il-kunċett ta' tranżazzjonijiet li jwasslu għal ħlasijiet suċċessivi, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

39. Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, nikkunsidra li, fiha nfisha, il-formulazzjoni tad-dispożizzjoni inkwistjoni ma tipprovdix risposta inekwivoka għal din id-domanda.

40. L-Artikolu 64(1) tad-Direttiva 2006/112 għandu, madankollu, jiġi interpretat fid-dawl tal-Artikolu 63 ta' din id-direttiva. Issa, skont din l-aħħar dispożizzjoni, il-fatt ġeneratur tat-taxxa jseħħ u t-taxxa ssir dovuta fil-mument li fih titwettaq il-provvista tas-servizz li huwa s-suġġett tat-tranżazzjoni.

41. L-Artikolu 63 tad-Direttiva ma jippreċiżax liema huwa l-fatt li għandu jiġi kkunsidrat bħala l-mument li fih titwettaq il-provvista. Fil-fehma tiegħi dan ifisser li l-leġiżlatur tal-Unjoni hawnhekk adotta approċċ materjali, jiġifieri li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-mument tal-eżekuzzjoni effettiva tas-servizz, kif iddefinit, jekk ikun il-każ, minn konstatazzjonijiet fattwali tal-amministrazzjoni tat-taxxa jew tal-qorti.

42. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, l-Artikolu 64(1) tal-imsemmija direttiva ma jikkostitwixxix deroga għall-Artikolu 63 tagħha f'dak li jirrigwarda d-determinazzjoni tal-mument tat-tnissil tal-obbligu fiskali, iżda biss suppliment tiegħu u kjarifika għal sitwazzjonijiet li jistgħu jqajmu dubji. B'hekk, din id-dispożizzjoni tispeċifika liema mument għandu jitqies li huwa l-mument tat-twettiq tal-provvista li jwassal għal ħlas suċċessiv fiż-żmien. Dak il-mument huwa meqjus li huwa l-iskadenza tat-terminu għat-twettiq ta' dan il-ħlas.

43. Madankollu, minn perspettiva loġika, tali determinazzjoni konvenzjonali tal-mument tat-twettiq tal-provvista hija neċessarja biss f'dak li jikkonċerna provvisti li l-mument ta' eżekuzzjoni tagħhom huwa diffiċli li jiġi ddeterminat mingħajr ambigwità abbażi tal-fatti nnifishom, b'mod partikolari għaliex ir-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet fit-tranżazzjoni u l-provvista li hija s-suġġett tagħha huma ta' natura kontinwa. F'tali sitwazzjoni, it-twettiq tal-provvista jitqies li dam daqs kemm idum l-obbligu ta' ħlas għaliha.

[12] Ara l-punt 19 ta' dawn il-konklużjonijiet.

44. Madankollu, ma hemmx lok li l-applikazzjoni tal-Artikolu 64(1) tad-Direttiva 2006/112 tiġi estiża għal sitwazzjonijiet fejn il-mument tat-twettiq tal-provvista jista' faċilment jiġi kkonstatat, b'mod partikolari meta l-provvista tkun ta' darba u meta jkun hemm mument preċiż li jippermetti li jiġi stabbilit it-tmiem ta' dan it-twettiq skont ir-relazzjoni kuntrattwali li torbot lill-partijiet fit-tranżazzjoni kkonċernata. Fil-fatt, tali estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni timplika li din tiddetermina l-fatt li jagħti lok għall-obbligu fiskali b'mod kuntrarju għall-formulazzjoni espliċita tal-Artikolu 63 ta' din id-direttiva.

45. Għaldaqstant, interpretazzjoni sistemika tal-Artikolu 64(1) tad-Direttiva 2006/112, qabel kollox fid-dawl tal-Artikolu 63 ta' din id-direttiva, timmilita favur risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda preliminari. Essenzjalment, hawnhekk naqbel mal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar dan il-punt.

46. Barra minn hekk, kif isostni ġustament il-Gvern Ġermaniż, interpretazzjoni differenti tal-imsemmija dispożizzjoni timplika li l-partijiet fit-tranżazzjoni jistgħu jimmanipulaw liberament il-mument tat-tnissil tal-obbligu fiskali billi jiffissaw it-terminu għall-ħlas tal-prezz tal-kunsinna ta' oġġetti jew tal-provvista ta' servizzi kif iqisu xieraq. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tikkonstata li l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni kienet li kemm jista' jkun jarmonizza l-mument tal-eżiġibbiltà tat-taxxa fl-Istati Membri kollha sabiex jiġi żgurat il-ġbir uniformi tal-VAT [13]. L-għan li jiġi żgurat il-ġbir uniformi tat-taxxa jikkonċerna mhux biss lill-Istati Membri kollha, iżda wkoll it-tranżazzjonijiet kollha tal-istess natura, indipendentement mid-differenzi anċillari, bħall-mod ta' ħlas tal-korrispettiv. Il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u l-prinċipju ta' żgurar ta' kompetizzjoni mhux distorta jeżiġu dan.

47. L-iskattar u l-ammont tal-obbligu fiskali għall-VAT jiddependi biss fuq tliet elementi: in-natura tat-tranżazzjoni mwettqa, li tiddetermina l-eventwali tassazzjoni tagħha u r-rata tat-taxxa; l-ammont tal-korrispettiv, jiġifieri l-valur taxxabbli; u l-mument tal-eżekuzzjoni tal-provvista, li huwa, bħala prinċipju, assimilat mal-mument tal-iskattar tal-obbligu fiskali. Madankollu, fis-sistema tal-VAT, il-mument tal-ħlas tal-imsemmi korrispettiv ma jagħmilx parti mill-elementi rilevanti mill-perspettiva tat-taxxa.

48. Dawn il-konklużjonijiet ma humiex ikkontestati mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċitata mill-qorti tar-rinviju kif ukoll minn X fl-osservazzjonijiet tagħha, b'mod partikolari s-sentenzi Asparuhovo Lake Investment Company [14] u baumgarten sports & more [15]. Il-bażi għall-applikazzjoni tal-Artikolu 64(1) tad-Direttiva 2006/112 f'dawn il-kawżi fil-fatt kienet ir-relazzjoni ġuridika kontinwa u estiża fiż-żmien bejn il-partijiet fit-tranżazzjoni, peress li l-obbligi kontinwi jaqgħu mhux biss fuq id-destinatarju tas-servizz, iżda wkoll fuq il-fornitur, u l-ħlas stess tal-korrispettiv miftiehem kien jiddependi fuq l-eżekuzzjoni ta' dawn l-obbligi [16]. Issa, skont il-konstatazzjonijiet fattwali tal-qorti tar-rinviju f'din il-kawża dan ma huwiex il-każ fil-kawża prinċipali, li għandha bħala suġġett l-impożizzjoni ta' provvista ta' darba, eżegwita kompletament f'mument partikolari, u li għaliha l-fornitur tas-servizzi huwa mistenni jikseb il-korrispettiv sħiħ mingħajr kundizzjoni.

[13] Sentenza tat-2 ta' Mejju 2019, Budimex (C-224/18, EU:C:2019:347, punt 22).

[14] Sentenza tat-3 ta' Settembru 2015 (C-463/14, EU:C:2015:542).

[15] Sentenza tad-29 ta' Novembru 2018 (C-548/17, EU:C:2018:970).

[16] Ara rispettivament is-sentenzi: tat-3 ta' Settembru 2015, Asparuhovo Lake Investment Company (C-463/14, EU:C:2015:542, punti 47 u 49); tad-29 ta' Novembru 2018, baumgarten sports & more (C-548/17, EU:C:2018:970, punti 30 u 31).

49. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, naqbel mal-Kummissjoni li l-espressjoni "[f]ejn [tranżazzjoni] twassal għal […] ħlasijiet suċċessivi", użata fl-Artikolu 64(1) tad-Direttiva 2006/112 għandha tinftiehem fis-sens li tkopri tranżazzjonijiet li, min-natura tagħhom stess, jeżiġu li l-ħlas tal-korrispettiv jinfirex fuq medda ta' żmien jew li jseħħ bin-nifs, minħabba n-natura kontinwa tagħhom.

50. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li ma hijiex applikabbli għal tranżazzjoni li tinvolvi provvista ta' servizzi ta' darba li għaliha l-persuna taxxabbli tirċievi korrispettiv mifrux fuq ħlasijiet suċċessivi.

Fuq ir-rabta bejn l-obbligu li titħallas it-taxxa dovuta u l-kisba ta' korrispettiv għal tranżazzjoni taxxabbli

51. Kemm il-qorti tar-rinviju, fid-deċiżjoni tagħha kif ukoll X fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, isostnu li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fiha l-ħlas tal-korrispettiv tal-provvista ta' darba infirex fuq pagamenti li għandhom jitħallsu fuq perijodu itwal (f'dan il-każ għal ħames snin), peress li l-VAT hija dovuta waqt il-ħlas ta' kull pagament, il-persuna taxxabbli hija obbligata tiffinanzja, matul perijodu estiż, il-VAT sħiħa, minkejja li tkun għadha ma rċevietx il-ħlas mill-persuna li tirċievi l-provvista.

52. Kif indikajt fil-proposta għal risposta għat-tieni domanda preliminari f'din il-kawża, l-applikazzjoni tal-Artikolu 90 tad-Direttiva 2006/112 ma tikkostitwixxix hawnhekk soluzzjoni korretta għal din il-problema. Bl-istess mod, fil-fehma tiegħi, l-applikazzjoni tal-Artikolu 64(1) ta' din id-direttiva ma hijiex is-soluzzjoni korretta.

53. Kif diġà semmejt iktar 'il fuq, l-eżiġibbiltà tal-VAT ma hijiex, bħala prinċipju, suġġetta għall-ġbir, mill-persuna taxxabbli, ta' korrispettiv għat-tranżazzjoni taxxabbli mwettqa minnha. Dan jista' jseħħ ukoll qabel il-ħlas ta' dan il-korrispettiv. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni li tenfasizza dan espressament fil-ġurisprudenza tagħha [17].

54. F'sitwazzjoni fejn in-nuqqas ta' ħlas tal-korrispettiv previst fil-ftehim bejn il-partijiet għal tranżazzjoni taxxabbli huwa ta' natura dewwiema, pereżempju wara xoljiment jew emenda ta' dan il-ftehim, jew huwa indipendenti mir-rieda tal-persuna taxxabbli, bħal fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas mill-parti kontraenti, l-Artikolu 90 tad-Direttiva 2006/112 ikun japplika u jkun hemm tnaqqis korrispondenti tal-valur taxxabbli u, għaldaqstant, tal-ammont tad-dejn fiskali.

55. Madankollu, meta, fil-kuntest ta' tranżazzjoni taxxabbli, ikun previst posponiment tal-ħlas tal-korrispettiv jew tqassim ta' dan il-ħlas mill-bidu, hija l-persuna taxxabbli li tiddeċiedi l-modalitajiet ta' eżerċizzju tal-attività ekonomika tagħha, b'għarfien sħiħ tal-obbligi, inklużi dawk fiskali, li jimplika l-eżerċizzju ta' din l-attività. Il-kwistjoni dwar jekk taċċettax jew le li tifrex il-ħlas tar-remunerazzjoni fuq medda ta' żmien u taħt liema kundizzjonijiet tiddependi mir-rieda tagħha.

[17] "[…] skont l-Artikolu 63 [tad-Direttiva 2006/112], il-VAT għandha tiġi imposta meta l-oġġetti jew is-servizzi huma pprovduti, jiġifieri mat-twettiq tal-operazzjoni inkwistjoni, independentement mill-kwistjoni dwar jekk il-ħlas dovut għal din l-operazzjoni diġà tħallasx. Għaldaqstant, il-VAT hija dovuta lit-Teżor Pubbliku mill-fornitur ta' oġġett jew ta' servizz, anki jekk huwa jkun għadu ma rċeviex, mill-klijent tiegħu, il-ħlas li jikkorrispondi għall-operazzjoni mwettqa". Għalhekk, "[…] skont is-sistema stabbilita bid-Direttiva 2006/112, l-impożizzjoni tal-VAT kif ukoll l-oriġini u l-eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis huma, bħala regola ġenerali, indipendenti mill-fatt li l-prezz dovut, VAT inkluża, għal operazzjoni tħallasx diġà jew le" (sentenza tat-28 ta' Lulju 2011, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-274/10, EU:C:2011:530, punti 46, 48).

56. F'każ bħal dan, is-soluzzjoni tista' tkun jew il-kalkolu u l-ġbir tal-VAT kollha dovuta mal-ħlas tal-ewwel pagament, jew l-allokazzjoni ta' dan l-ewwel pagament għall-ħlas ta' din it-taxxa [18]. B'hekk, il-persuna taxxabbli ma hijiex obbligata talloka r-riżorsi finanzjarji tagħha stess għall-ħlas tat-taxxa.

57. Fir-rigward tal-argument ta' X li l-ħlas tal-VAT kollha dovuta wara li tkun irċeviet l-ewwel pagament tal-korrispettiv ma jagħtix profitti lill-persuna taxxabbli fir-rigward tat-tranżazzjoni mwettqa, jew saħansitra jċaħħadha mill-mezzi sabiex tkopri l-ispejjeż tas-servizz ipprovdut, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-issuġġettar għall-VAT ma jiddependix mir-riżultati tal-attività ekonomika tal-persuna taxxabbli [19]. Din it-taxxa tolqot ukoll it-tranżazzjonijiet li ma jagħmlux qligħ, jew saħansitra dawk li jagħtu lok għal telf. Huma l-operaturi ekonomiċi, u mhux is-sistema tal-VAT, li għandhom jiżguraw il-vijabbiltà tal-attività ekonomika tagħhom.

58. Fil-kawża prinċipali, il-problema tista' tqum mill-mod kif X ħarġet il-fatturi relatati mat-tranżazzjoni inkwistjoni. Skont l-indikazzjonijiet li jinsabu fit-talba għal deċiżjoni preliminari, din il-kumpannija kienet tiffattura separatament, għal kull kategorija ta' korrispettiv, il-VAT relatata ma' dan il-pagament. Il-qorti tar-rinviju ma tippreċiżax jekk, fil-kawża prinċipali, l-awtoritajiet fiskali kkontestawx, tali metodu ta' fatturazzjoni. Madankollu, ma jidhirx li huwa korrett mill-perspettiva tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112.

59. Fit-Titolu XI tagħha, id-Direttiva 2006/112 tiddefinixxi l-obbligi tal-persuni taxxabbli. L-Artikolu 220 tagħha jimponi fuqhom l-obbligu li jiżguraw li, fil-każ, b'mod partikolari, ta' provvista ta' servizzi pprovduti lil persuni taxxabbli oħra, tinħareġ fattura. L-Artikolu 226 ta' din id-direttiva jispeċifika fid-dettall l-elementi li għandhom jidhru fuq il-fattura. Dawn jinkludu b'mod partikolari: il-kwantità u n-natura tas-servizzi pprovduti (punt 6), id-data tal-provvista ta' servizzi (punt 7), il-valur taxxabbli (punt 8) kif ukoll l-ammont tal-VAT li għandha titħallas (punt 10).

60. Kif diġà kellha l-okkażjoni tenfasizza l-Qorti tal-Ġustizzja, id-dettalji obbligatorji li jinsabu fuq il-fattura, fosthom b'mod partikolari n-natura tas-servizzi pprovduti u d-data ta' eżekuzzjoni tagħhom, huma intiżi sabiex jippermettu lill-awtoritajiet tat-taxxa jikkontrollaw, b'mod partikolari, il-ħlas tat-taxxa dovuta [20]. Din l-informazzjoni għandha għalhekk tikkorrispondi kemm jista' jkun mill-qrib mar-realtà. B'mod partikolari, provvista ta' darba ma għandhiex tkun is-suġġett ta' diversi fatturi maħruġa f'intervalli twal, anki jekk l-elementi l-oħra kollha, fosthom b'mod partikolari l-ammont globali tal-VAT dovuta, jikkorrispondu għall-verità.

61. Fil-kawża prinċipali, li kieku X ħarġet fattura waħda korretta, li tkopri l-valur taxxabbli kollu tat-tranżazzjoni kontenzjuża u l-ammont totali tal-VAT dovuta kif ukoll id-data ta' twettiq tas-servizz, dan kien ikun jippermettilha tiddetermina korrettament l-obbligi fiskali tagħha u tifforma b'mod xieraq ir-relazzjoni ġuridika tagħha ma' min jirċievi s-servizz fir-rigward tal-metodu ta' ħlas tal-korrispettiv.

[18] Kif jirriżulta mill-informazzjoni kkomunikata minn X, fil-kawża prinċipali l-ammont tal-ewwel pagament irċevut minn din il-kumpannija kien jaqbeż l-ammont tal-VAT dovut fuq it-tranżazzjoni inkwistjoni.

[19] Skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2006/112, "'[p]ersuna taxxabbli' għandha tfisser kull persuna li, b'mod indipendenti, twettaq fi kwalunkwe post kwalunkwe attività ekonomika, ikun x'ikun l-iskop jew ir-riżultati ta' dik l-attività".

[20] Sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, Barlis 06 – Investimentos Imobiliários e Turísticos (C-516/14, EU:C:2016:690, punti 26, 27, 29 u 30).

62. Madankollu, huwa minnu, kif tirrileva l-qorti tar-rinviju fid-deċiżjoni tagħha, li l-Qorti tal-Ġustizzja ta' spiss tikklassifika lill-persuni taxxabbli bħala "eżatturi" tal-VAT għall-Istat [21]. Madankollu, dan b'ebda mod ma jfisser li r-rwol tal-persuni taxxabbli *huwa limitat* għal dak ta' eżatturi tat-taxxa. L-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112 jiddefinixxi l-persuni taxxabbli bħala persuni responsabbli *għall-ħlas* tal-VAT [22]. Issa, ebda dispożizzjoni tad-Direttiva u ebda deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ma tindika li dan l-obbligu kien suġġett għall-ġbir minn qabel, mill-persuna taxxabbli, ta' ammont ta' taxxa tal-output fi stadju sussegwenti tad-dħul mill-bejgħ [23].

63. Madankollu, l-Artikolu 66(b) tad-Direttiva 2006/112 jippermetti lill-Istati Membri jipprevedu li, għal ċerti tranżazzjonijiet jew ċerti kategoriji ta' persuni taxxabbli, il-VAT issir dovuta mhux iktar tard minn meta jiġi rċevut il-ħlas [24]. Madankollu, dan jikkostitwixxi deroga mir-regoli ġenerali li jinsabu fl-Artikoli 63, 64 u 65 ta' din id-direttiva, huwa ta' natura fakultattiva u għandu jikkonċerna ċerti tranżazzjonijiet jew kategoriji ta' persuni taxxabbli u ma għandux ikun ta' natura ġenerali. L-eżistenza stess ta' tali possibbiltà tikkonferma indirettament li, bħala prinċipju, l-eżiġibbiltà tal-VAT ma hijiex suġġetta għall-kisba, mill-persuna taxxabbli, ta' ħlas għal tranżazzjoni taxxabbli.

64. Issa, kif ġustament sostnew il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni, interpretazzjoni tal-Artikolu 64(1) tad-Direttiva 2006/112 kif issuġġerita minn X, li tipprovdi li s-sempliċi tqassim tal-ħlas tal-korrispettiv f'pagamenti jippermetti li l-eżiġibbiltà tat-taxxa tiġi korrelatata mal-iskadenza ta' dawn il-pagamenti, iċċaħħad kunsiderevolment id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 66(b) ta' din id-direttiva mis-sens tagħhom.

65. L-argumenti dwar il-ħtieġa tal-ħlas tat-taxxa qabel ma l-persuna taxxabbli tirċievi l-korrispettiv kollu għalhekk ma jbiddlux il-konklużjoni li tinsab fil-punt 50 ta' dawn il-konklużjonijiet.

Konklużjonijiet

66. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha magħmula iktar 'il fuq, nipproponi r-risposta li ġejja għad-domandi preliminari magħmula Bundesfinanzhof (il-Qorti Federali tal-Finanzi, il-Ġermanja):

1) L-Artikolu 64(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma huwiex applikabbli għal tranżazzjoni li tinvolvi provvista ta' servizzi ta' darba li għaliha l-persuna taxxabbli tirċievi korrispettiv mifrux fuq ħlasijiet suċċessivi.

2) L-Artikolu 90(1) tad-Direttiva 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni fejn persuna taxxabbli li tipprovdi servizz ta' darba tkun qablet ma' min jirċievi s-servizz li l-korrispettiv jinfirex fuq ħlasijiet suċċessivi, ma jkunx hemm nuqqas ta' ħlas fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

[21] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-20 ta' Ottubru 1993, Balocchi (C-10/92, EU:C:1993:846, punt 25); tat-23 ta' Novembru 2017, Di Maura (C-246/16, EU:C:2017:887, punt 23).

[22] Bla ħsara għall-każ fejn, skont dispożizzjonijiet speċifiċi, huma obbligati li jħallsuha persuni oħra.

[23] Dan jirriżulta b'mod ċar anki fis-sentenza tal-20 ta' Ottubru 1993, Balocchi (C-10/92, EU:C:1993:846) iċċitata mill-qorti tar-rinviju, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tissuġġetta espressament l-obbligu li titħallas it-taxxa għat-twettiq ta' tranżazzjoni, iżda mhux għall-kisba ta' ħlas.

[24] Din il-possibbiltà hija prevista fl-Artikolu 13(1)(1)(b) tal-UStG, moqri flimkien mal-Artikolu 20 tagħha, iżda ma hijiex applikabbli fil-kawża prinċipali.